MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 857/2002

**Mark Ellul.**

**-vs-**

**Reginald Schembri kuratur deputat mahtur b' digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju, 2002 sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Susan Cheeseborough.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fl-24 ta' Lulju, 2002 , li bih l-attur ppremetta:

Illi fis-17 ta' April, 2002 il-kontendenti ffirmaw skrittura ta' promessa ta' bejgh tal-fond appartament internament enumerat (7) sebgha formanti parti minn Havana

Apartments u gia' Generator Flats, go St. George's Road, San Giljan, kollox skond l-annessa skrittura mmarkata Dok "A" u

Illi kif jidher minn l-istess skrittura il-konvenut nomine wieghed u obbliga ruhu li jbiegh lill-attur l-imsemmi appartament kollox skond l-istess skrittura u bil-prezz ta' (Lm8000) tmint elef liri Maltin, li minnhom l-attur hallas akkont is-somma ta' (Lm1500) elf u hames mitt lira, u

Illi l-venditrici qabdet u abbandonat l-obbligi taghha, u interpellata debitament permezz ta' ittra ufficcjali tat-22 ta' Mejju, 2002 hawn annessa Dok "B" sabiex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh minnha imwieghed, il-venditrici baqghet inadempjenti.

Ghalhekk l-attur  jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku ta' bejgh lill-attur il-fond fuq imsemmi ai termini tal-promessa ta' bejgh Dok "A";

2. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippublika l-att relattiv ta' bejgh kif intqal fuq;

3. Tappunta data hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi att pubbliku;

4. Tinnomina kuratur sabiex okkorrendo jirrappresenta l-kontumacja tal-konvenut nomine fuq l-imsemmi att pubbliku, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-22 ta' Mejju, 2002 kontra l-konvenut nomine li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi l-eccipjent mhux edott mill-fatti ddikjarati mill-attur fic-cirkostanzi tieghu u jirriserva li jipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu wara u f' kaz li jottjeni l-informazzjoni mehtiega mill-mandanti tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi **tilqa' t-talbiet ta' l-attur** kif dedotti fic-citazzjoni **bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine** u **tinnomina lin-Nutar Peter Carbonaro** biex jippubblika l-att relattiv li ghandu jkun ippubblikat nhar il-21 ta' Novembru, 2003 f' nofsinhar fl-edificcju tal-Qorti u **l-Avukat Dr. Daniela Chetcuti** bhala kuratur tal-kontumaci.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------